Verżjoni Elettronika

A.L. 8 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 76 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 123.127.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, kif emendati bir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, għandhon jidħlu fis-seħħ, jew jitqiesu li daħlu fis-seħħ, kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (8)(a) tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015;

(b) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) u (8)(b) tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016;

(ċ) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (3) u (8)(ċ) tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017;

(d) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (4) u (8)(d) tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2017;

(e) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (7) u (8)(e) tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2017; u

(f) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (8)(f) u (12)

Verżjoni Elettronika

tal-imsemmi regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "arranġament" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awditu konġunt" tfisser inkjesta amministrattiva li titwettaq b'mod konġunt mill-awtorità kompetenti f'Malta u mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed (1) jew aktar, u li hija marbuta ma' persuna waħda (1) jew aktar ta' interess komuni jew komplimentari għall-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri;";

(b) it-tifsira "Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva" tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "kumpanija nnegozjata pubblikament" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ksur tad-data" tfisser ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda, it-telf, l-alterazzjoni jew kwalunkwe inċident ta' aċċess mhux xieraq jew mhux awtorizzat, żvelar jew użu ta' informazzjoni, inkluż iżda mhux limitat għal data personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor, bħala riżultat ta' atti illegali intenzjonati, negliġenza jew inċidenti. Ksur tad-data jista' jikkonċerna l-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-integrità tad-data;".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tieħu ħsieb l-arranġamenti għat-twettiq ta' kwalunkwe indaġni amministrattiva meħtieġa sabiex tinkiseb l-informazzjoni mitluba mill-awtorità rikjedenti. It-talba tista' tinkludi talba

Verżjoni Elettronika

motivata għal indaġni amministrattiva. Jekk l-awtorità kompetenti f'Malta tkun tal-fehma li ma tkun meħtieġa l-ebda indaġni amministrattiva, hija għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet tagħha."; u

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet li jagħtu effett lid-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u sabiex tiżgura il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li hija tistabbilixxi, il-Kummissarju tat-Taxxi għandu jkollu aċċess għall-mekkaniżmi, proċeduri, dokumenti u informazzjoni msemmija fir-regolamenti 7 u 13 tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu, ir-Regolamenti dwar Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji, ir-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) u r-Regolamenti dwar Trusts and Trustees Act (Register of Beneficial Owners).".

L.S. 373.01.
L.S. 373.03.

L.S. 386.19.
L.S. 331.10.

4. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn iż-żewġ (2) awtoritajiet kompetenti, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tipprovdi lill-awtorità rikjedenti l-informazzjoni mitluba kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-irċevuta tat-talba:

Iżda fejn l-awtorità kompetenti f'Malta ma tkunx f'pożizzjoni li twieġeb għat-talba sal-limitu ta' żmien rilevanti, hija għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet (3) xhur mill-irċevuta tat-talba, bir-raġunijiet għan-nuqqas tagħha li tagħmel hekk, u d-data sa meta hi tqis li tista' tkun f'pożizzjoni li twieġeb. Il-limitu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn sitt (6) xhur mid-data tal-irċevuta tat-talba:

Iżda wkoll fejn l-awtorità kompetenti f'Malta tkun diġà fil-pussess tal-informazzjoni mitluba, l-imsemmija informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-irċevuta tat-talba:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll fejn l-awtorità kompetenti f'Malta ma tistax tipprovdi l-informazzjoni mitluba, aġġornament dwar is-sitwazzjoni għandu jingħata kull tliet (3) xhur sakemm il-kwistjoni tkun magħluqa."; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"Rilevanza prevedibbli.

(4) (a) Għall-finijiet ta' talba msemmija fis-subregolament (1), l-informazzjoni mitluba tkun prevedibbilment rilevanti fejn, fiż-żmien li ssir it-talba, l-awtorità rikjedenti tikkunsidra li, skont il-liġi nazzjonali tagħha, hemm possibbiltà raġonevoli li l-informazzjoni mitluba ser tkun rilevanti għall-kwistjonijiet tat-taxxa ta' kontribwent wieħed (1) jew aktar, kemm jekk din tkun identifikata b'isimhom jew b'xi mod ieħor u tkun iġġustifikata għall-finijiet tal-investigazzjoni.

(b) Bil-għan li tintwera r-rilevanza prevedibbli tal-informazzjoni mitluba, l-awtorità rikjedenti għandha tipprovdi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti f'Malta:

(i) il-fini tat-taxxa li għalih tintalab l-informazzjoni, u

(ii) speċifikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġi nazzjonali tagħha.

(ċ) Fejn talba msemmija fis-subregolament (1) tkun relatata ma' grupp ta' kontribwenti li ma jistgħux jiġu identifikati individwalment, l-awtorità rikjedenti għandha tipprovdi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti f'Malta:

(i) deskrizzjoni dettaljata tal-grupp;

(ii) spjegazzjoni tal-liġi applikabbli u tal-fatti li abbażi tagħhom hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li l-kontribwenti fil-grupp ma kkonformawx mal-liġi applikabbli;

Verżjoni Elettronika

(iii) spjegazzjoni ta' kif l-informazzjoni mitluba ser tgħin fid-determinazzjoni tal-konformità mill-kontribwenti fil-grupp; u

(iv) fejn il-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kienu relatati mal-involviment ta' parti terza li kkontribwiet b'mod attiv għan-nuqqas ta' konformità potenzjali tal-kontribwenti fil-grupp mal-liġi applikabbli.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE ieħor l-informazzjoni kollha disponibbli li tikkonċerna lir-residenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor tal-UE, dwar il-kategoriji speċifiċi ta' dħul u ta' kapital li ġejjin:

(a) dħul minn impjieg;

(b) drittijiet tad-direttur;

(ċ) prodotti tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li mhumiex koperti minn strumenti legali oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni u miżuri simili oħra;

(d) pensjonijiet;

(e) sjieda ta' proprjetà immobbli u d-dħul minnha;

(f) royalties.";

(b) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (e) tas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ii) sommarju tad-deċiżjoni antiċipata transfruntiera jew tal-arranġament preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment, inkluż deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali jew tat-tranżazzjonijiet jew tas-serje ta' tranżazzjonijiet rilevanti u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin lill-awtorità kompetenti tivvaluta riskju tat-taxxa potenzjali, mingħajr ma twassal għall-iżvelar ta'

Verżjoni Elettronika

sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubblika;";

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "fis-subregolament (7)(d)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolament (8)(d)";

(d) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (8) tiegħu, il-kliem "skont is-subregolament (3)(a);" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont is-subregolament (3)(a):" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda b'effett mill-1 ta' Jannar 2023, il-komumikazzjoni ta' informazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien wara li jkunu nħarġu, ġew emendati jew iġġeddew id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntiera jew l-arranġamenti preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment u mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara tmiem nofs is-sena kalendarja li matulha jkunu nħarġu, ġew emendati jew iġġeddew id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntiera jew l-arranġamenti preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment;";

(e) fil-paragrafu (e) tas-subregolament (8) tiegħu, il-kliem "sat-30 ta' April 2021." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sat-30 ta' April 2021;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) għall-informazzjoni mniżżla fis-subregolament (12), fi żmien xahrejn (2) wara tmiem il-Perjodu Rapportabbli li miegħu huma marbuta r-rekwiżiti ta' rapportar applikabbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti ta' Malta. L-ewwel informazzjoni għandha tiġi kkomunikata għall-Perjodi Rapportabbli mill-1 ta' Jannar 2023.";

(f) il-paragrafu (a) tat-tifsira "skambju ta' informazzjoni awtomatiku" fis-subregolament (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) għall-finijiet tas-subregolamenti (1), (3), (4), (7) u (12), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall-finijiet tas-subregolament (1), ir-referenza għall-informazzjoni disponibbli hija relatata mal-informazzjoni

Verżjoni Elettronika

fil-files tat-taxxa ta' Malta, li tista' tiġi rkuprata skont il-proċeduri dwar il-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni f'Malta;";

(g) il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "skambju ta' informazzjoni awtomatiku" fis-subregolament (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jimplementaw id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, minbarra s-subregolamenti (1), (2), (3), (4), (7) u (12), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel provduti fil-paragrafi (a) u (b);";

(h) is-subregolament (10) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(i) is-subregolament (11) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(11) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq bażi annwali, statistika dwar il-volum ta' skambji awtomatiċi skont dan ir-regolament u, safejn ikun possibbli, l-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji amministrattivi u oħrajn rilevanti relatati ma' skambji li jkunu saru u ma' kwalunkwe bidla potenzjali, kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-partijiet terzi"; u

(j) is-subregolament (12) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"Skambju awtomatiku ta' informazzjoni rrappurtata mill-Operaturi tal-Pjattaforma.

(12) (a) Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu japplika l-proċeduri ta' diliġenza dovuta u jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fit-Taqsimiet II u III tal-Anness V.

(b) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika r-rapport li tkun irċeviet skont il-paragrafu (a) u fil-limitu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (8)(f), lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti l-Bejjiegħ Rapportabbli kif iddeterminat skont il-paragrafu D tat-Taqsima II tal-Anness V u, fejn il-Bejjiegħ Rapportabbli jipprovdi servizzi ta' kiri ta' proprjetà immobbli, fi kwalunkwe każ lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

Verżjoni Elettronika

(ċ) L-informazzjoni li tirrigwarda kull Bejjiegħ Rapportabbli li għandha tiġi kkomunikata mill-awtorità kompetenti f'Malta skont il-paragrafu (b) għandha tkun din li ġejja:

(i) l-isem, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat, in-NIT u, fejn rilevanti, in-numru ta' identifikazzjoni tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, kif ukoll l-isem/ismijiet kummerċjali tal-Pjattaforma/i, li qiegħed jirrapporta dwarhom l-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti;

(ii) l-isem u l-kunjom tal-Bejjiegħ Rapportabbli li jkun individwu, u l-isem ġuridiku tal-Bejjiegħ Rapportabbli li jkun Entità;

(iii) l-Indirizz Primarju;

(iv) kwalunkwe NIT tal-Bejjiegħ Rapportabbli, inkluż kull Stat Membru tal-ħruġ, jew, fin-nuqqas ta' NIT, il-post tat-twelid tal-Bejjiegħ Rapportabbli li jkun individwu;

(v) in-numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju tal-Bejjiegħ Rapportabbli li jkun Entità;

(vi) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-Bejjiegħ Rapportabbli, meta jkun disponibbli;

(vii) id-data tat-twelid tal-Bejjiegħ Rapportabbli li jkun individwu;

(viii) l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, sakemm dan ikun disponibbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, u sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa resident il-Bejjiegħ Rapportabbli skont it-tifsira tal-paragrafu D tat-Taqsima II tal-Anness V ma tkunx innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha li mhijiex biħsiebha tuża l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju għal dan il-għan;

Verżjoni Elettronika

(ix) fejn ikun differenti mill-isem tal-Bejjiegħ Rapportabbli, minbarra l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju, l-isem tad-detentur tal-kont finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, sal-limitu li jkun disponibbli lill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni finanzjarja li tkun disponibbli għand l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-rigward ta' dak id-detentur tal-kont;

(x) kull Stat Membru li fih il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun residenti skont il-paragrafu D tat-Taqsima II tal-Anness V;

(xi) il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli u n-numru ta' Attivitajiet Rilevanti li fir-rigward tagħhom tħallas jew ġie kkreditat il-Korrispettiv; u

(xii) kwalunkwe dritt, kummissjoni jew taxxa f'ras il-għajn jew imposta mill-Pjattaforma Rapportanti tal-Operatur f'Malta matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli:

Iżda fejn il-Bejjiegħ Rapportabbli jipprovdi servizzi ta' kiri ta' proprjetà immobbli, għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

(i) l-indirizz ta' kull Proprjetà Elenkata, iddeterminata abbażi tal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu E tat-Taqsima II tal-Anness V u n-numru rispettiv tar-reġistrazzjoni tal-art jew l-ekwivalenti tiegħu skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun tinsab, fejn ikun disponibbli;

(ii) il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli u n-numru ta' Attivitajiet Rilevanti provduti fir-rigward ta' kull Proprjetà Elenkata; u

(iii) fejn ikun disponibbli, in-numru ta' jiem li fihom kull Proprjetà Elenkata ġiet mikrija matul il-Perjodu Rapportabbli u t-tip ta' kull Proprjetà Elenkata.

Verżjoni Elettronika

(d) Fejn l-informazzjoni li hi meħtieġa li tiġi rrappurtata skont il-paragrafu B tat-Taqsima III tal-Anness V ma tkunx kompluta jew mhux preċiża, il-Kummissarju jista' jitlob ir-rapportar ta' informazzjoni kompluta u preċiża kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti.

(e) Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tas-subparagrafu A(7) tat-Taqsima 1 tal-Anness V għandu jirreġistra mal-Kummissarju bil-mod u fil-perjodu ta' żmien li l-Kummissarju jista' jeħtieġ, permezz ta' linji gwida ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissarju tat-Taxxi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income:

Kap. 123.

Iżda Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tas-subparagrafu A(7)(e) tat-Taqsima 1 tal-Anness V għandu jirreġistra ladarba jibda l-attività tiegħu bħala Operatur ta' Pjattaforma:

Iżda wkoll Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tal-parti A(7)(e) tat-Taqsima I tal-Anness V għandu juża fornituri ta' servizzi sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' reġistrazzjoni u rapportar speċifikati f'dawn ir-regolamenti liema obbligi għandhom jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

(f) L-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti, wara li jkun irreġistra b'suċċess mal-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni unika tiegħu, għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti f'Malta dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu (e).

(g) Minkejja l-penalitajiet amministrattivi stipulati fir-regolament 52, fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti, wara li jkun irreġistra mal-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni unika tiegħu, jonqos milli jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrapurtata skont id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu A(3) tat-Taqsima III tal-Anness V wara żewġ (2) tfakkiriet mill-awtorità kompetenti f'Malta, ir-reġistrazzjoni tiegħu għandha tiġi revokata. Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi revokata mhux aktar tard mill-iskadenza ta' disgħin (90) jum iżda mhux qabel ma jgħaddu tletin (30) jum mit-tieni tfakkira.

Verżjoni Elettronika

(h) Fejn Operatur tal-Pjattaforma jitqies bħala Operatur tal-Pjattaforma Eskluż, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha b'dan, inkluż kwalunkwe bidla sussegwenti.

Kap. 372.

(i) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jżomm id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha li jkun ġabar waqt li jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' rapportar u diliġenza dovuta speċifikati f'dan is-subregolament u fit-Taqsimiet II u III tal-Anness V għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin li jibdew jiddekorru mill-aħħar tas-sena li fiha l-informazzjoni tirrigwarda. Waqt li jagħmel dan, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jżomm rekords tal-passi li jkunu ttieħdu fir-rigward ta' kull evidenza li fuqha ddependa għat-twettiq tal-obbligi tiegħu u l-miżuri adegwati sabiex jinkisbu l-imsemmija rekords.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Bil-ħsieb li tiġi skambjata l-informazzjoni msemmija fir-regolament 12(1), l-awtorità kompetenti f'Malta tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor sabiex uffiċjali awtorizzati mill-awtorità kompetenti f'Malta u skont l-arranġamenti proċedurali stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ssirlu t-talba:

(a) ikunu preżenti fl-uffiċċji fejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru li ssirlu t-talba jaqdu d-dmirijiet tagħhom;

(b) ikunu preżenti waqt l-indaġnijiet amministrattivi mwettqa fit-territorju tal-Istat Membru li ssirlu t-talba;

(ċ) jipparteċipaw fl-indaġnijiet amministrattivi mwettqa mill-Istat Membru li ssirlu t-talba permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, fejn ikun xieraq:

Verżjoni Elettronika

Iżda meta l-awtorità li ssirilha t-talba hi l-awtorità kompetenti f'Malta, hija għandha twieġeb talba fi żmien sittin (60) jum mill-irċevuta tat-talba, sabiex tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità rikjedenti:

Iżda wkoll fejn l-informazzjoni mitluba tkun tinsab f' dokumentazzjoni li għaliha jkollhom aċċess l-uffiċjali tal-awtorità f'Malta, l-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jingħataw kopji tagħha."; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "Safejn dan huwa permess taħt il-liġi ta' Malta, il-ftehim imsemmi fis-subregolament (1) jista' jipprovdi li, fejn uffiċjali tal-awtorità rikjedenti jkunu preżenti waqt indaġnijiet amministrattivi, huma jistgħu jintervistaw individwi u jeżaminaw ir-rekords." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fejn uffiċjali tal-awtorità rikjedenti jkunu preżenti waqt l-indaġnijiet amministrattivi, jew jipparteċipaw fl-indaġnijiet amministrattivi permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, huma jistgħu jintervistaw il-persuni u jeżaminaw ir-rekords soġġetti għall-arranġamenti proċedurali stabbiliti mill-Istat Membru li ssirlu t-talba.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

8. Is-subregolament (3) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, mal-wasla ta' notifika għal kontroll simultanju mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE, tiddeċiedi jekk għandhiex l-intenzjoni li tieħu sehem fil-kontrolli simultanji u għandha tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità li pproponiet kontroll simultanju fi żmien sittin (60) jum mill- wasla tal-proposta.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Awditu konġunti.

16A. (1) L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed (1) jew aktar tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra sabiex twettaq awditu konġunt. Fejn l-awtorità kompetenti f'Malta hi awtorità kompetenti li ssirilha talba, hija għandha twieġeb it-talba fi żmien sittin (60) jum mill-irċevuta tat-talba. L-awtorità kompetenti f'Malta tista' tirrifjuta talba għal awditu konġunt mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fuq raġunijiet ġustifikati.

Verżjoni Elettronika

(2) L-awditi konġunti għandhom jitwettqu b'mod miftiehem minn qabel u kkoordinat, li jinkludu arranġamenti lingwistiċi, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti u tal-Istati Membri li ssirilhom it-talba, u skont il-liġijiet u r-rekwiżiti proċedurali tal-Istat Membru fejn isiru l-attivitajiet ta' awditu konġunt. Fejn l-attivitajiet ta' awditu konġunt isiru f'Malta, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha taħtar rappreżentant responsabbli għas-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-awditu konġunt f'Malta:

Iżda d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'awditu konġunt, meta jkunu preżenti f'attivitajiet imwettqa fi Stat Membru differenti, għandhom jiġu determinati skont il-liġijiet tal-Istat Membru fejn isiru l-attivitajiet tal-awditu konġunt:

Iżda wkoll filwaqt li jikkonformaw mal-liġijiet tal-Istat Membru fejn isiru l-attivitajiet tal-awditu konġunt, l-uffiċjali ta' Stat Membru ieħor ma għandhom jeżerċitaw l-ebda setgħa li tkun taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat mogħtija lilhom skont il-liġijiet tal-Istat Membru tagħhom.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), meta l-attivitajiet ta' awditu konġunt isiru f'Malta, l-amministrazzjoni tat-taxxa f'Malta għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex:

(a) tippermetti li uffiċjali ta' Stati Membri oħra li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-awditu konġunt jintervistaw persuni u jeżaminaw rekords flimkien mal-uffiċjali tal-amministrrazzjoni tat-taxxa f'Malta, soġġett għall-arranġamenti proċedurali stabbiliti f'Malta;

(b) tiżgura li l-evidenza miġbura matul l-attivitajiet tal-awditu konġunt tista' tiġi vvalutata, inkluż dwar l-ammissibbiltà tagħha, taħt l-istess kondizzjonijiet legali bħal fil-każ ta' awditu mwettaq f'Malta fejn l-uffiċjali tal-amministrazzjoni tat-taxxa f'Malta biss jieħdu sehem, inkluż matul kwalunkwe proċess ta' lment, eżami mill-ġdid jew appell; u

(ċ) tiżgura li l-persuna/i soġġetta/i għal awditu konġunt jew affettwata/i minnu tgawdi/jgawdu l-istess drittijiet u jkollha/jkollhom l-istess obbligi bħal fil-każ ta' awditu fejn l-uffiċjali tal-amministrazzjoni tat-taxxa f'Malta biss jieħdu sehem, inkluż matul kwalunkwe proċess ta' lment, eżami mill-ġdid jew appell.

Verżjoni Elettronika

(4) Fejn l-awtorità kompetenti f'Malta twettaq awditu konġunt mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti għall-awditu konġunt u jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu ftehim dwar il-pożizzjoni tat-taxxa tal-persuni awditjati abbażi tar-riżultati tal-awditu konġunt:

Iżda s-sejbiet tal-awditu konġunt għandhom jiġu inkorporati f'rapport finali. Kwistjonijiet li jaqblu dwarhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu riflessi fir-rapport finali u jittieħed kont tagħhom fl-istrumenti rilevanti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti wara dak l-awditu konġunt:

Iżda wkoll l-azzjonijiet mill-awtorità kompetenti f'Malta jew minn kwalunkwe uffiċjal tagħha wara awditu konġunt u kwalunkwe proċess ulterjuri, bħal deċiżjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa, proċess ta' appell jew soluzzjoni relatata magħha, għandhom isiru f'konformità mal-liġijiet ta' Malta.

(5) Il-persuni awditjati għandhom jiġu infurmati bl-eżitu tal-awditu konġunt, inkluż b'kopja tar-rapport finali fi żmien sittin (60) jum mill-ħruġ tar-rapport finali.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1)(a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) (a) Informazzjoni kkomunikata bejn Stati Membri fi kwalunkwe forma skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (inkluż informazzjoni, rapporti u dokumenti kkomunikati mill-Kummissjoni tal-UE skont l-Artikolu 23a tagħha) għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni simili skont l-Atti dwar it-Taxxi. L-imsemmija informazzjoni tista' tintuża għall-valutazzjoni, amministrazzjoni u infurzar tal-liġijiet ta' Malta li tikkonċerna t-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva kif ukoll il-VAT u taxxi indiretti oħra:

Iżda rapporti u dokumenti prodotti mill-

Verżjoni Elettronika

Kummissjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 23a tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva jistgħu jintużaw mill-Istati Membri tal-UE biss għal finijiet analitiċi u ma għandhomx jiġu ppubblikati jew ikunu disponibbli għall-ebda persuna jew korp ieħor mingħajr il-qbil espliċitu tal-Kummissjoni tal-UE."; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) (a) Bil-permess tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u biss safejn dan huwa permissibbli skont il-liġijiet ta' Malta, informazzjoni u dokumenti riċevuti skont l-imsemmija Direttiva jistgħu jintużaw għal għanijiet differenti għajr dawk imsemmija fis-subregolament (1). Tali permess għandu jingħata jekk l-informazzjoni tista' tintuża għal finijiet simili fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li tikkomunika l-informazzjoni.

(b) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha lista ta' għanijiet li għalihom, f'konformità mal-liġijiet ta' Malta, jistgħu jintużaw informazzjoni u dokumenti għajr dawk imsemmija fis-subregolament (1). L-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti tista' tuża l-informazzjoni u d-dokumenti li tirċievi mingħajr il-permess imsemmi fil-paragrafu (a) għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet elenkati mill-awtorità kompetenti f'Malta.".

Jissostitwixxi r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Protezzjoni tad-data.

21. (1) Kull skambju ta' informazzjoni magħmul skont dawn ir-regolamenti għandu jsir b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Madankollu, permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23(1)(e), l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 15 tal-istess Regolament ma għandhomx japplikaw, minħabba li l-għoti ta' informazzjoni taħt dan ir-regolament jikkostitwixxi miżura meħtieġa fl-interess ta' materji ta' taxxa.

Kap. 586.

Verżjoni Elettronika

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu japplika għal kwalunkwe proċessar ta' data personali skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Madankollu, għall-finijiet tal-applikazzjoni korretta tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet provduti fl-Artikolu 15, fl-Artikolu 16(1) u fl-Artikoli 17 sa 21 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandu jkun ristrett safejn meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fil-punt (ċ) tal-Artikolu 25(1) tal-istess Regolament.

(3) L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti f'Malta, l-intermedjarji, l-Operaturi tal-Pjattaforma Rapportanti f'Malta u l-awtorità kompetenti f'Malta għandhom jiġu meqjusa bħala kontrolluri tad-data meta, filwaqt li jaġixxu waħedhom jew b'mod konġunt ma' oħrajn, jiddeterminaw l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

Kap. 586.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-Kummissarju għandu jiżgura li kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta jew intermedjarju jew Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, skont il-każ, li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta:

(a) jinfurmaw lil kull individwu kkonċernat li l-informazzjoni relatata ma' dak l-individwu għandha tinġabar u tiġi trasferita skont dawn ir-regolamenti; u

(b) jipprovdu lil kull individwu kkonċernat l-informazzjoni kollha li l-individwu jkun intitolat li jirċievi mingħand il-kontrollur tad-data fi żmien suffiċjenti sabiex dak l-individwu jeżerċita d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tiegħu u, fi kwalunkwe każ, qabel ma tiġi rrapportata l-informazzjoni:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, kull Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jinforma lill-Bejjiegħa Rapportabbli dwar il-Korrispettiv irrappurtat.

Verżjoni Elettronika

(5) L-informazzjoni pproċessata skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex tinżamm aktar milli jkun meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(6) F'każ li l-ksur tad-data jsir f'Malta:

(a) l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tirrapporta l-ksur tad-data u kwalunkwe azzjoni ta' rimedju sussegwenti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien;

(b) l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinvestiga, tikkontrolla u tirrimedja l-ksur tad-data u għandha, billi tinnotifika bil-miktub lill-Kummissjoni, titlob is-sospensjoni tal-aċċess għan-NKK għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk il-ksur tad-data ma jkunx jista' jiġi kkontrollat minnufih u b'mod xieraq.

(7) F'każ li ksur tad-data jsir fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti f'Malta tista' tissospendi l-iskambju ta' informazzjoni lill-Istati Membri fejn ikun seħħ il-ksur tad-data billi tinnotifika bil-miktub lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati. Tali sospensjoni għandu jkollha effett immedjat.".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

12. Is-subregolamenti (2) u (3) tar-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(2) L-informazzjoni spontanja u l-konferma tal-wasla tagħha skont ir-regolament 14, it-talbiet għal notifiki amministrattivi skont ir-regolament 17, l-informazzjoni dwar il-feedback skont ir-regolament 11(4) u (5) u l-komuniki skont ir-regolament 18(2) u (4) u r-regolament 20(1) għandhom jintbagħtu permezz tal-formoli standard adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

(3) L-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni skont ir-regolament 13(1) and (12) għandu jsir bl-użu ta' format kompjuterizzat standard bil-għan li jiffaċilita tali skambju awtomatiku, adottat mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.".

Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

13. Fis-subregolament (1) tar-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "flimkien ma' rapport annwali dwar il-miżuri u l-proċeduri li żżomm u tapplika sabiex tissodisfa l-

Verżjoni Elettronika

obbligi tagħha skont il-Ftehim FATCA".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

14. Fis-subregolament (2) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull uffiċjal amministratur anzjan".

Jemenda r-regolament 41 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 41 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "tal-Anness I li jinsab ma' dawn ir-regolamenti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "flimkien ma' rapport annwali dwar il-miżuri u l-proċeduri li żżomm u tapplika sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Anness I".

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

16. Fis-subregolament (2) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull uffiċjal amministratur anzjan".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

17. Minnufih wara r-regolament 51 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Penalitajiet amministrattivi għal nuqqas ta' konformità.

52. (1) Fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe mill-obbligi stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jeħel il-penalitajiet amministrattivi li ġejjin:

(a) fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli jirreġistra mal-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13(12)(e) u bil-mod u fil-perjodu ta' żmien li l-Kummissarju jeħtieġ, penali amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500);

(b) fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli jżomm id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jkun ġabar waqt li jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' diliġenza dovuta u ta' rapportar tiegħu għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin li jibdew mill-aħħar tas-sena li fiha l-informazzjoni tirrigwarda, penali amministrattiva ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

(ċ) fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli japplika l-proċeduri ta' diliġenza dovuta speċifikati fit-Taqsima II tal-Anness V, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000);

Verżjoni Elettronika

(d) fejn Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrappurtata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Anness V fiż-żmien stipulat fl-imsemmija Taqsima III, penali amministrattiva ta':

(i) elfejn u ħames mitt euro (€2,500); u

(ii) mitt euro (€100) għal kull ġurnata li n-nuqqas jibqa' jseħħ, l i e m a penali amministrattiva ma għandhiex teċċedi fit-total għoxrin elf euro (€20,000);

(e) fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jonqos milli jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrappurtata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Anness V b'mod komplut u preċiż, penali amministrattiva ta':

(i) fil-każ ta' żbalji minuri:

- mitejn euro (€200); u

- ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li n-nuqqas jibqa' jseħħ, liema penali amministrattiva ma għandhiex teċċedi fit-total ħamest elef euro (€5,000);

(ii) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti, penali amministrattiva ta' massimu ta' ħamsin elf euro (€50,000).

(2) Barra minn dan, u bla ħsara għal kwalunkwe penali amministrattiva oħra li jkun weħel skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jinstab li jkun issottometta informazzjoni li tkun qarrieqa jew falza, kull uffiċjal amministratur anzjan ta' tali Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jeħel penali amministrattiva ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn tletin elf euro (€30,000):

Iżda uffiċjal amministratur anzjan tal-imsemmi Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun ħati ta' tali reat jekk jagħti prova li ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'tali att jew ommissjoni u li għamel dak kollu li seta' jagħmel sabiex jipprevjeni dak l-att jew ommissjoni.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda l-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

18. Il-punti 3 u 4 tat-Taqsima II tal-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dawn il-punti ġodda li ġejjin:

"3. Kwalunkwe Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'Malta għandha tinnotifika lill-Kummissarju jekk hijiex l-Entità Omm Finali jew l-Entità Omm Surrogata jew l-Entità Kostitwenti msemmija fil-punt 1 mhux iktar tard mill-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa applikabbli għal dik l-Entità Kostitwenti kif determinat f ir-regola 2 tar-Regoli dwar Dati Statutorji.

L.S. 372.16.

4. Fejn Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE, li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'Malta, mhijiex l-Entità Omm Finali u lanqas l-Entità Omm Surrogata u lanqas l-Entità Kostitwenti msemmija fil-punt 1, hija għandha tinnotifika lill-Kummissarju bl-identità u r-residenza tat-taxxa tal-Entità Notifikanti, mhux aktar tard mill-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa applikabbli għal dik l-Entità Kostitwenti kif determinat fir-regola 2 tar-Regoli dwar Dati Statutorji.".

L.S. 372.16.

Iżid Anness ġdid mar-regolamenti prinċipali.

19. Minnufih wara l-Anness IV li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-Anness ġdid li ġej:

"ANNESS V

Fil-kuntest tal-Anness V, kull terminu b'ittri kapitali għandu jkollu t-tifsira li għandu taħt it-tifsir korrispondenti stabbiliti f'dan l-Anness.

PROĊEDURI TA' DILIĠENZA DOVUTA, REKWIŻITI TA' RAPPORTAR U REGOLI OĦRAJN GĦALL-OPERATURI TAL-PJATTAFORMA.

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċeduri ta' diliġenza dovuta, ir-rekwiżiti ta' rapportar u regoli oħrajn li għandhom jiġu applikati mill-Operaturi tal-Pjattaforma Rapportanti f'Malta sabiex Malta, permezz ta' skambju awtomatiku, tkun tista' tikkomunika l-informazzjoni msemmija fir-regolament 13(12). Dan l-Anness jiddeskrivi wkoll ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi li Malta għandu jkollha fis-seħħ sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta', u konformità ma', l-proċeduri ta' diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti hawn taħt.

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA I
TERMINI DEFINITI

It-termini li ġejjin għandu jkollhom it-tifsir stabbilit hawn taħt:

A. Operaturi tal-Pjattaforma Rapportanti

1. "Pjattaforma" tfisser kwalunkwe software, inkluż websajt jew parti minnha, u applikazzjonijiet, inkluż l-applikazzjonijiet tal-mobile aċċessibbli mill-utenti u li jippermettu lill-Bejjiegħa jkunu konnessi ma' utenti oħra għall-fini ta' twettiq ta' Attività Rilevanti, b'mod dirett jew indirett, għal tali utenti. Din tinkludi wkoll kwalunkwe arranġament għall-ġbir u għall-pagament ta' Korrispettiv fir-rigward ta' Attività Rilevanti.

It-terminu "Pjattaforma" ma jinkludix is-software li mingħajr xi intervent ulterjuri għat-twettiq ta' Attività Rilevanti jippermetti b'mod esklussiv xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-ipproċessar ta' pagamenti fir-rigward ta' Attività Rilevanti;

(b) utenti jelenkaw jew jirreklamaw Attività Rilevanti;

(ċ) id-direzzjonar mill-ġdid jew it-trasferiment ta' utenti lejn Pjattaforma.

2. "Operatur tal-Pjattaforma" tfisser Entità li tikkuntratta ma' Bejjiegħa sabiex tagħmel disponibbli Pjattaforma sħiħa jew parti minnha lil tali Bejjiegħa.

3. "Operatur tal-Pjattaforma Eskluż" tfisser Operatur tal-Pjattaforma li jkun wera minn qabel u fuq bażi annwali għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti f'Malta li l-mudell tan-negozju tiegħu kollu huwa tali li ma għandux Bejjiegħa Rapportabbli.

4. "Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti" tfisser kwalunkwe Operatur tal-Pjattaforma, għajr Operatur tal-Pjattaforma Eskluż, li jkun fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru jew, fejn tali Operatur tal-Pjattaforma ma jkollux residenza għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru, huwa jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) huwa inkorporat skont il-liġijiet ta' Stat Membru;

Verżjoni Elettronika

(ii) għandu l-post tal-ġestjoni tiegħu, inkluża l-ġestjoni effettiva, fi Stat Membru;

(iii) għandu stabbiliment permanenti fi Stat Membru u mhuwiex Operatur ta' Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni;

(b) mhuwiex residenti għal finijiet ta' taxxa, jew mhuwiex inkorporat jew ġestit fi Stat Membru, u lanqas ma għandu stabbiliment permanenti fi Stat Membru, iżda jiffaċilita t-twettiq ta' Attività Rilevanti minn Bejjiegħa Rapportabbli jew Attività Rilevanti li tinvolvi l-kiri ta' proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru u mhuwiex Operatur ta' Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni.

5. "Operatur ta' Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni" tfisser Operatur tal-Pjattaforma li għalih l-Attivitajiet Rilevanti kollha li huwa jiffaċilita huma wkoll Attivitajiet Rilevanti Kwalifikati u li huwa residenti għal finijiet ta' taxxa f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni jew, fejn tali Operatur tal-Pjattaforma ma jkollux residenza għal finijiet ta' taxxa f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni, huwa jissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa inkorporat skont il-liġijiet ta' Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni; jew

(b) għandu l-post tal-ġestjoni tiegħu, inkluż il-ġestjoni effettiva, f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni.

6. "Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni" tfisser ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jkollha fis-seħħ Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li jkunu identifikati bħala ġurisdizzjonijiet rapportabbli f'lista ppubblikata mill-ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni.

7. "Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta" tfisser kwalunkwe Operatur tal-Pjattaforma, għajr Operatur tal-Pjattaforma f'Malta Esklużż, li hu:

(a) residenti għal finijiet ta' taxxa f'Malta u mhuwiex residenti għal finijiet ta' taxxa f'xi Stat Membru ieħor;

Verżjoni Elettronika

(b) residenti għal finijiet ta' taxxa f'Malta u f'xi Stat Membru ieħor u għażel skont id-dispożizzjonijiet tal-parti A(2) tat-Taqsima III li jaqdi l-obbligi ta' rapportar tiegħu f'Malta;

(ċ) għandu stabbiliment permanenti f'Malta u mhuwiex residenti f'Malta għat-taxxa jew f'xi Stat membru ieħor u ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kondizzjonijiet msemmija fil-paragrafu (a) tal-punt 4 tat-tifsira "Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti" fit-Taqsima 1 ta' dan l-Anness f'xi Stat Membru ieħor u mhuwiex Operatur tal-Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni;

(d) għandu stabbiliment permanenti f'Malta u mhuwiex residenti f'Malta għat-taxxa jew f'xi Stat membru ieħor u jissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet msemmija fil-paragrafu (a) tal-punt 4 tat-tifsira "Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti" fit-Taqsima 1 ta' dan l-Anness f'xi Stat Membru ieħor u mhuwiex Operatur ta' Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni, u għażel skont id-dispożizzjonijiet tal-parti A(2) tat-Taqsima III ta' dan l-Anness li jissodisfa l-obbligi ta' rapportar tiegħu f'Malta; jew

(e) mhuwiex residenti għall-finijiet ta' taxxa, mhuwiex inkorporat jew ġestit fi Stat Membru, ma għandux stabbiliment permanenti fi Stat Membru, iżda jiffaċilita t-twettiq ta' Attività Rilevanti minn Bejjiegħa Rapportabbli jew Attività Rilevanti li tinvolvi l-kiri ta' proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru u mhuwiex Operatur ta' Pjattaforma Kwalifikat Mhux tal-Unjoni u għażel skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13(3)(f) li jissodisfa l-obbligi ta' rapportar tiegħu f'Malta.

8. "Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv" tfisser ftehim bejn l-awtorità kompetenti f'Malta u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jeħtieġ l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni ekwivalenti għal dik speċifikata fil-parti B tat-Taqsima III ta' dan l-Anness kif ikkonfermat minn att ta' implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

Verżjoni Elettronika

9. "Attività Rilevanti" tfisser attività mwettqa għal Korrispettiv u li hija kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kiri ta' proprjetà immobbli, inkluż kemm proprjetà residenzjali u proprjetà kummerċjali, kif ukoll kwalunkwe proprjetà immobbli oħra u parkeġġ;

(b) Servizz Personali;

(ċ) il-bejgħ ta' Oġġetti;

(d) il-kiri ta' kwalunkwe mod ta' trasport:

Iżda t-terminu "Attività Rilevanti" ma jinkludix attività mwettqa minn Bejjiegħ li jaġixxi bħala impjegat tal-Operatur tal-Pjattaforma jew Entità relatata tal-Operatur tal-Pjattaform.

10. "Attivitajiet Rilevanti Kwalifikati" tfisser kwalunkwe Attività Rilevanti koperta mill-iskambju awtomatiku skont Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv.

11. "Korrispettiv" tfisser kumpens fi kwalunkwe forma mingħajr id-drittijiet, il-kummissjonijiet jew it-taxxi li jkunu tnaqqsu f'ras il-għajn jew ġew imposti mill-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti, li jitħallas jew jiġi kkreditat lil Bejjiegħ b'rabta ma' Attività Rilevanti, li l-ammont tiegħu jkun magħruf jew jista' jkun raġonevolment magħruf mill-Operatur tal-Pjattaforma.

12. "Servizz Personali" tfisser servizz li jinvolvi xogħol ibbażat fuq il-ħin jew fuq il-kompiti li jitwettaq minn individwu wieħed (1) jew aktar, li jaġixxu b'mod indipendenti jew f'isem Entità u li jitwettaq fuq talba ta' utent, online jew fiżikament offline wara li jkun ġie ffaċilitat permezz ta' Pjattaforma.

B. Bejjiegħa Rapportabbli

1. "Bejjiegħ" tfisser utent ta' Pjattaforma, li jkun individwu jew Entità, li jkun irreġistrat fuq il-Pjattaforma fi kwalunkwe mument matul il-Perjodu Rapportabbli u li jwettaq Attività Rilevanti.

2. "Bejjiegħ Attiv" tfisser kwalunkwe Bejjiegħ li jew jipprovdi Attività Rilevanti matul il-Perjodu Rapportabbli jew li jitħallas jew jiġi kkreditat Korrispettiv b'rabta ma' Attività Rilevanti matul il-Perjodu Rapportabbli.

Verżjoni Elettronika

3. "Bejjiegħ Rapportabbli" tfisser kwalunkwe Bejjiegħ Attiv, għajr Bejjiegħ Esklużż, li jkun residenti fi Stat Membru jew li jkun kera proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru.

4. "Bejjiegħ Esklużż" tfisser kwalunkwe Bejjiegħ:

(a) li jkun Entità Governattiva;

(b) li jkun Entità li l-istokk tagħha jiġi regolarment innegozjat f'suq tat-titoli stabbilit jew Entità relatata ta' Entità li l-istokk tagħha jiġi regolarment innegozjat f'suq tat-titoli stabbilit;

(ċ) li jkun Entità li għaliha l-Operatur tal-Pjattaforma ffaċilita aktar minn elfejn (2,000) Attività Rilevanti permezz tal-kiri ta' proprjetà immobbli fir-rigward ta' Elenkar ta' Proprjetà matul il-Perjodu Rapportabbli; jew

(d) li għalih l-Operatur tal-Pjattaforma ffaċilita inqas minn tletin (30) Attività Rilevanti permezz tal-bejgħ ta' Oġġetti u li għalih l-ammont totali ta' Korrispettiv imħallas jew ikkreditat ma qabiżx elfejn euro (€2,000) matul il-Perjodu Rapportabbli.

Ċ. Tifsir ieħor

1. "Entità" tfisser persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku, bħal korporazzjoni, sħubija, trust jew fondazzjoni. Entità hija Entità relatata ta' Entità oħra jekk kwalunkwe Entità tikkontrolla lill-Entità l-oħra, jew iż-żewġ Entitajiet ikunu taħt kontroll komuni. Għal dan il-għan, kontroll jinkludi sjieda diretta jew indiretta ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-vot u l-valur f'Entità. F'parteċipazzjoni indiretta, l-issodisfar tar-rekwiżit ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tad-dritt ta' sjieda fil-kapital tal-Entità l-oħra għandu jiġi determinat bil-multiplikazzjoni tar-rati ta' parteċipazzjoni fil-livelli suċċessivi. Persuna li jkollha iżjed minn ħamsin fil-mija (50%) tad-drittijiet tal-vot għandha titqies li għandha mija fil-mija (100%).

2. "Entità Governattiva" tfisser il-Gvern ta' Malta jew ta' ġurisdizzjoni oħra, kwalunkwe suddiviżjoni politika ta' Malta jew ta' ġurisdizzjoni oħra li tinkludi stat, provinċja, kontea jew muniċipalità jew kwalunkwe aġenzija jew strument bi sjieda totali ta' Malta jew ta' ġurisdizzjoni oħra jew kwalunkwe wieħed jew aktar minn dawn ta' qabel kull wieħed minnhom ikun "Entità Governattiva".

Verżjoni Elettronika

3. "NIT" tfisser in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent, maħruġ minn Stat Membru, jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent.

4. "numru ta' identifikazzjoni tal-VAT" tfisser in-numru uniku li jidentifika persuna taxxabbli jew entità ġuridika mhux taxxabbli li tkun irreġistrata għal finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

5. "Indirizz Primarju" tfisser l-indirizz li jkun ir-residenza primarja ta' Bejjiegħ li jkun individwu, kif ukoll l-indirizz li jkun l-uffiċċju rreġistrat ta' Bejjiegħ li jkun Entità.

6. "Perjodu Rapportabbli" tfisser is-sena kalendarja li fir-rigward tagħha qiegħed jitlesta r-rapportar skont it-Taqsima III ta' dan l-Anness.

7. "Proprjetà Elenkata" tfisser l-unitajiet kollha ta' proprjetà immobbli li jinsabu fl-istess indirizz tat-triq, li jkollhom l-istess sid u li jiġu offruti għall-kiri fuq Pjattaforma mill-istess Bejjiegħ.

8. "Identifikatur tal-Kont Finanzjarju" tfisser in-numru jew ir-referenza ta' identifikazzjoni uniċi disponibbli għall-Operatur tal-Pjattaforma tal-kont bankarju jew ta' kont ieħor ta' servizzi simili ta' pagament li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv.

9. "Oġġetti" tfisser kwalunkwe proprjetà tanġibbli.

TAQSIMA II

PROĊEDURI TAD-DILIĠENZA DOVUTA

Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għall-fini tal-identifikazzjoni tal-Bejjiegħa Rapportabbli.

A. Bejjiegħa mhux soġġetti għal eżami mill-ġdid

Għall-fini li jiġi determinat jekk Bejjiegħ li jkun Entità jikkwalifikax bħala Bejjiegħ Esklużż deskritt fil-paragrafi (a) u (b) tal-parti B(4) tat-Taqsima I ta' dan l-Anness, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jiddependi fuq informazzjoni disponibbli pubblikament jew minn konferma mill-Bejjiegħ li jkun Entità.

Verżjoni Elettronika

Għall-fini li jiġi determinat jekk Bejjiegħ jikkwalifikax bħala Bejjiegħ Eskluż deskritt fil-paragrafi (ċ) u (d) tal-parti B(4) tat-Taqsima I ta' dan l-Anness, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jiddependi fuq ir-rekords disponibbli tiegħu.

B. Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-Bejjiegħ

1. L-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jiġbor l-informazzjoni kollha li ġejja għal kull Bejjiegħ li jkun individwu u mhux Bejjiegħ Eskluż:

(a) l-isem u l-kunjom;

(b) l-Indirizz Primarju;

(ċ) kwalunkwe NIT maħruġ lil dak il-Bejjiegħ, inkluż kull Stat Membru tal-ħruġ, u fin-nuqqas ta' NIT, il-post tat-twelid ta' dak il-Bejjiegħ;

(d) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' dak il-Bejjiegħ, meta jkun disponibbli;

(e) id-data tat-twelid.

2. L-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jiġbor l-informazzjoni kollha li ġejja għal kull Bejjiegħ li jkun Entità u mhux Bejjiegħ Eskluż:

(a) l-isem ġuridiku;

(b) l-Indirizz Primarju;

(ċ) kwalunkwe NIT maħruġ lil dak il-Bejjiegħ, inkluż kull Stat Membru tal-ħruġ;

(d) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' dak il-Bejjiegħ, meta jkun disponibbli;

(e) in-numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju;

(f) l-eżistenza ta' kwalunkwe stabbiliment permanenti li permezz tiegħu jitwettqu Attivitajiet Rilevanti fl-Unjoni, meta jkun disponibbli, filwaqt li jiġi indikat kull Stat Membru rispettiv, li fih ikun jinsab tali stabbiliment permanenti.

Verżjoni Elettronika

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-partijiet B(1) u (2), l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun meħtieġ jiġbor l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (b) sa (e) tal-parti B(1) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness u l-paragrafi (b) sa (f) tal-parti B(2) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness fejn huwa jiddependi minn konferma diretta tal-identità u tar-residenza tal-Bejjiegħ permezz ta' servizz ta' identifikazzjoni disponibbli permezz ta' Stat Membru jew l-Unjoni sabiex jaċċerta l-identità u r-residenza għall-finijiet tat-taxxa tal-Bejjiegħ.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-parti B(1) u l-paragrafi (ċ) u (e) tal-parti B(2) ta' din it-Taqsima, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun meħtieġ jiġbor in-NIT jew in-numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju, skont il-każ, fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru tar-residenza tal-Bejjiegħ ma joħroġx NIT jew numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju għall-Bejjiegħ;

(b) l-Istat Membru tar-residenza tal-Bejjiegħ ma jeħtieġx il-ġbir tan-NIT li jkun inħareġ lill-Bejjiegħ.

Ċ. Verifika tal-Informazzjoni dwar il-Bejjiegħ

1. L-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jiddetermina jekk l-informazzjoni li tkun inġabret skont il-parti A, il-parti B(1), il-paragrafi (a) sa (e) tal-parti B(2) u l-parti E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness hijiex affidabbli, billi juża l-informazzjoni u d-dokumenti kollha disponibbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-reġistri tiegħu, kif ukoll kwalunkwe interfaċċa elettronika magħmula disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas minn Stat Membru jew l-Unjoni, sabiex jaċċerta l-validità tan-NIT u, jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-parti Ċ(1), għat-tlestija tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta skont il-parti F(2), l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jiddetermina jekk l-informazzjoni miġbura skont il-parti A, il-parti B(1), il-paragrafi (a) sa (e) tal-parti B(2) u l-parti E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness hijiex affidabbli billi juża informazzjoni u dokumenti disponibbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-reġistri tiegħu li jistgħu jsiru tfittxijiet elettroniċi fihom.

Verżjoni Elettronika

3. Sabiex jiġi applikat il-paragrafu (b) tal-parti F(3) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness u minkejja l-partijiet Ċ(1) u Ċ(2) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness, f'istanzi fejn l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jkollu raġuni sabiex jemmen li kwalunkwe wieħed mill-punti ta' informazzjoni deskritti fil-partijiet B jew E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness jistgħu ma jkunux preċiżi, permezz ta' informazzjoni provduta mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru f'talba li tikkonċerna Bejjiegħ speċifiku, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta huwa obbligat li jitlob lill-Bejjiegħ jikkoreġi l-punti ta' informazzjoni li jkunu instabu li ma kinux korretti u jipprovdi dokumenti, data jew informazzjoni ta' sostenn, li jkunu affidabbli u minn sors indipendenti, bħal ma huma:

(a) dokument validu ta' identifikazzjoni maħruġ mill-Gvern;

(b) ċertifikat riċenti tar-residenza għall-finijiet tat-taxxa.

D. Determinazzjoni tal-Istat(i) Membru/i tar-residenza tal-Bejjiegħ għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti

1. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jikkunsidra li l-Bejjiegħ ikun residenti fl-Istat Membru tal-Indirizz Primarju tal-Bejjiegħ. Fejn ir-residenza tkun differenti mill-Istat Membru tal-Indirizz Primarju tal-Bejjiegħ, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jikkunsidra li l-Bejjiegħ ikun residenti wkoll fl-Istat Membru tal-ħruġ tan-NIT. Fejn il-Bejjiegħ ikun ipprovda informazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' stabbiliment permanenti skont il-paragrafu (f) tal-parti B(2) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jikkunsidra li l-Bejjiegħ ikun residenti ukoll fl-Istat Membru rispettiv kif speċifikat mill-Bejjiegħ.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-parti D(1), Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jikkunsidra li Bejjiegħ ikun residenti f'kull Stat Membru kkonfermat minn servizz ta' identifikazzjoni elettronika magħmul disponibbli permezz ta' Stat Membru jew tal-Unjoni skont il-parti B(3) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness.

E. Ġbir ta' informazzjoni dwar proprjetà immobbli mikrija

Verżjoni Elettronika

Fejn Bejjiegħ ikun involut f'Attività Rilevanti li tinvolvi l-kiri ta' proprjetà immobbli, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jiġbor l-indirizz ta' kull Proprjetà Elenkata u, fejn ikun inħareġ, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-art rispettiv jew l-ekwivalenti tiegħu skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun tinsab. Fejn Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jkun iffaċilita aktar minn elfejn (2,000) Attività Rilevanti permezz tal-kiri ta' Proprjetà Elenkata għall-istess Bejjiegħ li jkun Entità, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jiġbor dokumenti, data jew informazzjoni ta' sostenn li juru li l-Proprjetà Elenkata hija proprjetà tal-istess sid.

F. Tempestività u validità tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta

1. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jlesti l-proċeduri tad-diliġenza dovuta stabbiliti fil-partijiet A sa E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness sal-31 ta' Diċembru tal-Perjodu Rapportabbli.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-parti F(1), għall-Bejjiegħa li kienu diġà rreġistrati fil-Pjattaforma mill-1 ta' Jannar 2023 jew mid-data meta Entità ssir Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, il-proċeduri tad-diliġenza dovuta stabbiliti fil-partijiet A sa E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness huma meħtieġa jitlestew sal-31 ta' Diċembru tat-tieni Perjodu Rapportabbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-parti F(1), Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jiddependi fuq il-proċeduri tad-diliġenza dovuta li jkunu twettqu fir-rigward ta' Perjodi Rapportabbli preċedenti, diment li:

(a) l-informazzjoni dwar il-Bejjiegħ meħtieġa fil- partijiet B(1) u B(2) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness tkun jew inġabret u ġiet ivverifikata jew ikkonfermata fl-aħħar sitta u tletin (36) xahar; u

(b) l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma jkollux raġuni sabiex ikun jaf li l-informazzjoni miġbura skont il-partijiet A, B u E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness hija jew saret inaffidabbli jew mhux korretta.

Verżjoni Elettronika

G. Applikazzjoni tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta għal Bejjiegħa Attivi biss

Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jagħżel li jlesti l-proċeduri tad-diliġenza dovuta skont il-partijiet A sa F tat-Taqsima II ta' dan l-Anness fir-rigward tal-Bejjiegħa Attivi biss.

H. Tlestija tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta minn partijiet terzi

1. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jista' jiddependi fuq fornitur ta' servizz terz sabiex jissodisfa l-obbligi tad-diliġenza dovuta stabbiliti f'din it-Taqsima, iżda tali obbligi għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

2. Fejn Operatur tal-Pjattaforma jissodisfa l-obbligi tad-diliġenza dovuta għal Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-rigward tal-istess Pjattaforma skont il-parti H(1) tat-Taqsima II ta' dan l-Anness, tali Operatur tal-Pjattaforma għandu jwettaq il-proċeduri tad-diliġenza dovuta skont ir-regoli stabbiliti f'din it-Taqsima. L-obbligi tad-diliġenza dovuta għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

I. Proċedura sabiex tiżgura l-ġbir ta' informazzjoni dwar il-Bejjiegħ

Fejn Bejjiegħ ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa skont il-partijiet A sa E f'din it-Taqsima, wara żewġ (2) tfakkiriet wara t-talba inizjali mill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, iżda mhux qabel l-iskadenza ta' sittin (60) jum, l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jagħlaq il-kont tal-Bejjiegħ u ma jħallix lill-Bejjiegħ jerġa' jirreġistra fuq il-Pjattaforma. Il-pagament tal-Korrispettiv lill-Bejjiegħ għandu jinżamm mill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta sakemm il-Bejjiegħ jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

TAQSIMA III
REKWIŻITI TAR-RAPPORTAR

A. Żmien u mod ta' rapportar

Verżjoni Elettronika

1. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti f'Malta l-informazzjoni stabbilita fil-parti B ta' din it-Taqsima fir-rigward tal-Perjodu Rapportabbli mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena wara s-sena kalendarja li fiha l-Bejjiegħ jiġi identifikat bħala Bejjiegħ Rapportabbli. Fejn ikun hemm aktar minn Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti wieħed, Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jkun eżentat milli jirrapporta l-informazzjoni jekk ikollu prova, f'konformità mal-liġijietta' Malta, li l-istess informazzjoni tkun ġiet irrapportata minn Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti ieħor:

Iżda l-prova tista' tkun f'dik il-forma kif il-Kummissarju jista' jiddetermina.

2. Jekk Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti skont it-tifsira tal-paragrafu (a) tal-parti A(4) tat-Taqsima I ta' dan l-Anness jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet elenkati fih f'iktar minn Stat Membru wieħed, huwa għandu jagħżel wieħed (1) minn dawk l-Istati Membri li fih huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti f'din it-Taqsima. L-għażla għandha ssir f'dik il-forma u b'dak il-mod kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ permezz ta' linji gwida ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissarju tat-Taxxi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income. L-operatur tal-Pjattaforma Rapportanti għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri kollha dwar l-għażla li jkun għamel. L-imsemmi operatur tal-Pjattaforma Rapportanti għandu jirrapporta l-informazzjoni elenkata fil-parti B ta' din it-Taqsima fir-rigward tal-Perjodu Rapportabbli lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru magħżul, peress li dan jiġi determinat f'konformità mar-regolament 13(12)(e) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha l-Bejjiegħ jiġi identifikat bħala Bejjiegħ Rapportabbli. Fejn ikun hemm aktar minn Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti wieħed, kwalunkwe wieħed minn dawk l-Operaturi tal-Pjattaforma Rapportanti għandu jkun eżentat milli jirrapporta l-informazzjoni jekk ikollu prova, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni, li l-istess informazzjoni tkun ġiet irrapportata minn Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti ieħor fi Stat Membru ieħor.

Kap. 123.

Verżjoni Elettronika

3. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tal-paragrafu (e) tal-parti A(7) tat-Taqsima I għandu jirrapporta l-informazzjoni stabbilita fil-parti B ta' din it-Taqsima fir-rigward tal-Perjodu Rapportabbli lill-awtorità kompetenti f'Malta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha l-Bejjiegħ jiġi identifikat bħala Bejjiegħ Rapportabbli.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-parti A(3) ta' din it-Taqsima, Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-parti B ta' din it- Taqsima fir-rigward ta' Attivitajiet Rilevanti Kwalifikati, koperti minn Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv, li diġà jipprovdu għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni ekwivalenti ma' Stat Membru dwar Bejjiegħa Rapportabbli residenti f'dak l-Istat Membru.

5. Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jipprovdi wkoll l-informazzjoni stabbilita fil-partijiet B(2) u B(3) lill-Bejjiegħ Rapportabbli li miegħu huwa relatat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha l-Bejjiegħ jiġi identifikat bħala Bejjiegħ Rapportabbli.

6. L-informazzjoni rigward il-Korrispettiv li jitħallas jew li jiġi kkreditat f'munita ta' kors legali għandha tiġi rrapportata bil-munita li tħallas jew li ġie kkreditat biha. F'każ li l-Korrispettiv tħallas jew ġie kkreditat f'forma differenti minn munita ta' kors legali, dan għandu jiġi rrapportat bil-munita lokali, ikkonvertita jew ivvalutata b'mod li jiġi ddeterminat b'mod konsistenti mill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

7. L-informazzjoni dwar il-Korrispettiv u ammonti oħra għandha tiġi rrapportata fir-rigward tat-trimestru tal-Perjodu Rapportabbli li fih tħallas jew ġie kkreditat il-Korrispettiv.

B. Informazzjoni li għandha tiġi Rrapportata

Kull Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jirrapporta l-informazzjoni li ġejja:

Verżjoni Elettronika

1. L-isem, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat, in-NIT u, fejn rilevanti, in-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta allokat skont ir-regolament 13(12)(e), kif ukoll l-isem/ismijiet kummerċjali tal-Pjattaforma/i, li qiegħed jirrapporta dwarhom l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta.

2. Fir-rigward ta' Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti li jkun irreġistra mal-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni unika tiegħu, għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti f'Malta l-informazzjoni li ġejja:

(a) Isem;

(b) Indirizz postali;

(ċ) Indirizzi elettroniċi, inkluż websajts;

(d) Kull NIT maħruġ lill-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti;

(e) Dikjarazzjoni bl-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' dak l-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti għall-finijiet tal-VAT fi ħdan l-Unjoni, skont it-Titolu XII, il-Kapitolu 6, Taqsimiet 2 u 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE;

(f) Stati Membri li fihom Bejjiegħa Rapportabbli huma residenti skont it-tifsira tal-parti D tat-Taqsima II ta' dan l-Anness.

3. Fir-rigward ta' kull Bejjiegħ Rapportabbli li wettaq Attività Rilevanti għajr attività li tinvolvi l-kiri ta' proprjetà immobbli:

(a) il-punti ta' informazzjoni li jeħtieġ jinġabru skont il-parti B tat-Taqsima II;

(b) l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju, safejn dan ikun disponibbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza fejn il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun residenti skont it-tifsira tal-parti D tat-Taqsima II, ma tkunx ippubblikat li mhijiex biħsiebha tuża l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju għal dan il-għan;

Verżjoni Elettronika

(ċ) fejn ikun differenti mill-isem tal-Bejjiegħ Rapportabbli, minbarra l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju, l-isem tad-detentur tal-kont finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, sal-limitu li jkun disponibbli għand l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni finanzjarja li tkun disponibbli għand l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-rigward ta' dak id-detentur tal-kont;

(d) kull Stat Membru li fih il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun residenti għall-finijiet tar-regolament 13(12);

(e) il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli u n-numru ta' Attivitajiet Rilevanti li fir-rigward tagħhom kien tħallas jew ġie kkreditat;

(f) kwalunkwe dritt, kummissjoni jew taxxa li tinżamm f'ras il-għajn jew li tiġi imposta mill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli.

4. Fir-rigward ta' kull Bejjiegħ Rapportabbli li wettaq Attività Rilevanti li tinvolvi l-kiri ta' proprjetà immobbli:

(a) il-punti ta' informazzjoni meħtieġa li jinġabru skont il-parti B tat-Taqsima II;

(b) l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju, safejn dan ikun disponibbli għall-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun residenti skont it-tifsira tal-parti D tat-Taqsima II ma tkunx ippubblikat li mhijiex biħsiebha tuża l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju għal dan il-għan;

(ċ) fejn ikun differenti mill-isem tal-Bejjiegħ Rapportabbli, minbarra l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju, l-isem tad-detentur tal-kont finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, meta dan ikun disponibbli għand l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni finanzjarja li tkun disponibbli għand l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta fir-rigward tad-detentur tal-kont;

Verżjoni Elettronika

(d) kull Stat Membru li fih il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun residenti għall-finijiet tar-regolament 13(12) kif iddeterminat skont il-parti D tat-Taqsima II ta' dan l-Anness;

(e) l-indirizz ta' kull Proprjetà Elenkata, iddeterminata abbażi tal-proċeduri stabbiliti fil-parti E tat-Taqsima II ta' dan l-Anness u n-numru rispettiv tar-reġistrazzjoni tal-art jew l-ekwivalenti tiegħu skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-Proprjetà Elenkata tkun tinsab, fejn jkun disponibbli;

(f) il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli u n-numru ta' Attivitajiet Rilevanti provduti fir-rigward ta' kull Proprjetà Elenkata;

(g) kwalunkwe dritt, kummissjoni jew taxxa li tinżamm f'ras il-għajn jew li tiġi imposta mill-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli;

(h) fejn ikun disponibbli, in-numru ta' jiem li fihom kull Proprjetà Elenkata ġiet mikrija matul il-Perjodu Rapportabbli u t-tip ta' kull Proprjetà Elenkata.".